**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 22 ta' Gunju, 2016**

**Avviz nru: 52/2003 MLF**

**Cons (Trading) Limited**

**Vs**

**Visual & Sound Communications Limited**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat l-avviz tas-socjeta' attrici fejn talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, tmien mija u tnejn u hamsin lira u tlieta u sebghin centezmu (Lm1,852.73), rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata mis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez legali, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Novembru 2002, kif ukoll tal-konsult, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Visual & Sound Communications Limited fejn eccepixxiet:

1. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont indikat mis-socjeta' attrici fl-avviz odjern m'huwa bl-ebda mod dovut mis-socjeta' konvenuta u dan kif jista' jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza;
2. Illi di piu' u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba kif dedotta hija fittizzja u inveritjiera ghall-ahhar stante illi ma gie effettwat ebda bejgh u konsenja ta' merkanzija mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta u dan stante illi jekk qatt giet konsenjata xi merkanzija, din giet konsenjata 'on a consignment basis' liema merkanzija giet ritornata mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici, izda rifjutata minnha stess minghajr ebda raguni valida;
3. Illi in ogni kaz u minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta' attrici naqqset milli taghti rendikont dettaljat u sahansitra naqset milli tindika b'mod car kif waslet ghall-ammont minnha pretiz fit-talba taghha;
4. Illi wkoll fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv u dan kif jista' jigi pruvat ahjar fil-mori tal-kawza;
5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba attrici hija frivola u vessatorja stante illi l-kawza de quo giet intavolata mis-socjeta' attrici sempliciment u unikament sabiex tevita thallas ammont verjuri dovuta lis-socjeta' konvenuta u ghall-liema ammont qeghda tigi prezentata kawza kontestwalment ma' din in-nota;
6. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici;

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali orali ta' Dr. Simon Galea Testaferrata ghas-socjeta' attrici.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Iz-zewg socjetajiet kontendenti ghandhom il-hanut u d-ditti rispettivi taghhom.
2. Ghal habta tal-1997/1998 sar ftehim verbali bejn Patricia Coleiro ghas-socjeta attrici u Grace Borg ghas-socjeta konvenuta biex jaghtu l-merkanzija rispettiva taghhom lil xulxin *on a consignment basis* biex l-merkanzija ta' socjeta wahda tinbiegh mill-hanut tas-socjeta l-ohra, u vice versa. B'dan il-mod kull wahda mis-socjetajiet kontendenti kienet qed tuzufruwixxu mill-hanut tas-socjeta l-ohra biex jippromwovu u jbieghu l-merkanzija taghhom.
3. Is-socjeta attrici kienet furnixxi lis-socjeta konvenuta anke b'merkanzija ta' socjeta relatata maghha, TAT Company Limited.
4. Qamet divergenza bejn il-partijiet ta' kemm kien l-ammont ta' discount li kellhom jaghtu lil xulxin, u konsegwenza ta' dan il-ftehim sfaxxa.
5. Iz-zewg partijiet hadu l-merkanzija minghand il-hwienet ta' xulxin u ghamlu rendikont ta' l-affarijiet li hadu, pero z-zewg partijiet hallew xi affarijiet zghar fil-hanut tal-kontroparti li jew kienu danneggjati jew kienu shop soiled. Jiem wara li sar dan l-ezercizzju, is-socjeta konvenuta ghamlet attentat biex tirritorna lis-socjeta attrici affarijiet ohra li kienet diga hadet, ghax allegat li kienu difettuzi, pero is-socjeta attrici irrifjutathom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Is-socjeta attrici qed titlob l-ammont ta' LM1,852.73 minghand is-socjeta konvenuta ghall-affarijiet li ikkonsenjatilha u gew mibjugha. Is-socjeta attrici mhix tinnega li hi ghandha tati wkoll xi flus lis-socjeta konvenuta, pero minkejja li fl-ewwel seduta ta' din il-kawza, l-abbli avukat tas-socjeta konvenuta qalet li se tipprezenta nota ta' eccezzjoni u kontro-talba, effettivament, is-socjeta konvenuta ipprezentat biss nota ta' eccezzjonijiet, u ma ghamlet l-ebda kontro-talba f'dawn il-proceduri, ghalkemm fin-nota ta' eccezzjonijiet qalet li ser tipprezenta kawza ghal hlas kontra s-socjeta attrici.

Pero, din il-Qorti trid tiddeciedi skond it-talbiet u l-eccezzjonijiet li ghandha quddiemha u la darba ma saret l-ebda kontro-talba, din il-Qorti ma tistghax tiehu konjizzjoni ta' l-ammont li s-socjeta konvenuta qed tallega li ghandha tiehu minghand is-socjeta attrici.

Fl-affidavit taghha, Patricia Coleiro ghas-socjeta attrici spjegat kif waslet ghall-ammont pretiz fl-avviz. Hija hadet in konsiderazzjoni dawk l-ammonti li s-socjeta T.A.T. Trading Limited – socjeta estranja ghal dawn il-proceduri – imma li hi relatata mas-socjeta attrici – kellha tati lis-socjeta konvenuta.

Skond ir-rendikont li ghamlet Patricia Coleiro, is-socjeta attrici ghandha tiehu minghand is-socjeta konvenuta l-ammont ta' Lm4,107.29. Minn dan l-ammont, Coleiro naqset l-ammont ta' Lm3,158.09 li T.A.T Trading Limited kellha tati lis-socjeta konvenuta, u ziedet l-ammont ta' Lm903.53, rapprezentanti ammont ta' stokk ta' T.A.T. Trading Limited li gew ritornati mis-socjeta konvenuta. Dan il-kontegg gie mahdum fuq skont ta' 20-25% li s-socjeta konvenuta taqbel li kienet tati lis-socjeta attrici. B'hekk, skond dan il-kontegg, il-bilanc dovut mis-socjeta konvenuta lis-socjeta attrici hu ta' Lm1,852.73 – l-ammont mitlub fl-avviz.

Fl-affidavit taghha, Patricia Coleiro taghmel rendikont iehor stante li tallega li r-rendikont t'hawn fuq huwa vizzjat ghaliex ir-records ta' T.A.T. Trading irrizultaw li mhux korretti u l-iskont maqbul mas-socjeta attrici kien wiehed ikbar, u tikkonkludi li l-ammont dovut mis-socjeta konvenuta huwa ta' Lm2,055.61.

Din il-Qorti mhix se tidhol fil-mertu tal-allegati diskrepanzi tas-socjeta attrici, stante li din il-Qorti ma tistax tati lis-socjeta attrici ammont akbar minn dak mitlub fl-avviz (ara it-tieni proviso tal-Artikolu 213 tal-Kodici ta' Procedura Civili.).

Fl-ittra tagha lis-socjeta attrici tal-2 ta' Gunju 2002,[1] Grace Borg ghan-nom tas-socjeta konvenuta tghid testwalment hekk *"Whilst we fully agree with the amount that we owe you which figure reads* ***Lm4107.29****, we totally disagree with the figure that you quoted as owing us."* Fl-istess ittra Grace Borg tkompli targumenta dwar l-ammont li skond hi, s-socjeta attrici ghandha tati lis-socjeta konvenuta, u cioe Lm3159.08, tasal ghal konkluzjoni, wara li ssir tpacija, bejn l-ammont ta' Lm4107.29 dovut lis-socjeta attrici, u l-ammont ta' Lm3159.08, li s-socjeta konvenuta qed tippretendi minghand is-socjeta attrici, is-socjeta konvenuta ghandha tati lis-socjeta attrici l-ammont biss ta' Lm948.21. Il-kontenut ta' din l-ittra huwa wkoll konfermat minn Grace Borg fix-xhieda taghha. Hija ezebiet kopja tal-istatements li s-socjeta konvenuta baghtet lis-socjeta attrici ghall-affarijiet konsenjati lilha.

[1] Dokument A a fol. 20 tal-process.

Din il-Qorti wara li hasbet fit-tul, waslet ghall-konkluzjoni li konteggi maghmula mis-socjeta attrici huma fuq bazi ta' probabbilita aktar attendibbli. Dan ghaliex is-socjeta konvenuta kienet onesta u mill-ammont dovut mis-socjeta konvenuta, naqset ammont dovut minn socjeta relatata maghha, li hija ghal kollox estranja ghal dawn il-proceduri, u li fix-xhieda taghha Grace Pace tghid li ma tiftakarx jekk kinietx tircievi xi dokumentazzjoni f'isem T.A.T. Trading Ltd.[2]

Mill-provi jemergi li Grace Borg ghandha esperjenza vasta fil-kummerc, u ghalhekk din il-Qorti ma tqisx ix-xhieda taghha attendibbli meta tghid li ma tiftakarx jekk ircevietx dokumentazzjoni f'isem T.A.T. Trading Ltd. Din il-Qorti hija konvinta li Grace Borg kienet tkun ben konsapevoli ma min qed taghmel in-negozju.

In oltre, is-socjeta konvenuta arbitrarjament naqset l-ammont ta' Lm500.00 mill-ammont ta' Lm4107.29, minnha dovut lis-socjeta attrici.[3] Skont is-socjeta konvenuta dan l-ammont jirraprezenta *"product not accepted by Cons (Trading) which were in perfect condition"*. Is-socjeta konvenuta ma gabet l-ebda prova – wisq inqas prova oggettiva ta' din l-allegazzjoni, apparti li r-riduzzjoni ta' dan l-ammont mhix imsemmija fl-ittra li s-socjeta konvenuta baghtet lis-socjeta attrici fit-2 ta' Gunju 2002. Ghalhekk, skond is-socjeta konvenuta l-ammont li ammettiet li fadlilha tati lis-socjeta attrici irid jitnaqqas b'Lm500 ohra. Din certament ma tammontax ghal xhieda konsistenti u attendibbli.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tikkonkludi li s-socjeta attrici irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp civili, l-ammont minnha pretiz fl-avviz.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta, tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, tlett mija u hmistax-il Euro u sebghin centezmu (€4315.70) – rapprezentanti elf, tmien mija u tnejn u hamsin Lira Maltija u tlieta u sebghin

[2] Ara fol. 48 tal-process.
[3] Ara fol. 50 tal-process.

centezmu (Lm1,852.73) - bl-ispejjez legali, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Novembru 2002, kif ukoll tal-konsult, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

**Maġistrat**

**Alan Zerafa**
**Deputat Reġistratur**